# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 118/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Gabriel Micallef)

vs

**Ivan Azzopardi**

iben John Mary, imwieled Pieta', fit-8 ta' Ottubru, 1975, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 481575(M)

Illum, 15 ta' Frar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Ivan Azzopardi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar it-22 ta' Mejju, 2012 ghal habta tat-15.15 hrs fi Triq it-Trunciera, San Pawl il-Bahar:

1. volontarjament ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Bernhard Krahwinkel;

2. fl-istess cirkostanzi kiser il-bon ordni pubbliku b'ghajjat u glied.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-11 ta’ Marzu, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 216(1)(c), 338(d) u 17(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tikkundannah sena prigunerija u bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issospenditha ghal zmien sena mil-lum sakemm l-imputat ma jakkommetix reat iehor li ghalih hemm piena ta’ prigunerija f’dan il-perjodu.

Rat ir-rikors tal-appellant Ivan Azzopardi pprezentat fis-17 ta’ Marzu, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata ghar-ragunijiet espressi fl-ewwel tlett aggravji ta' dan l-appell u tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni u htija, u b'dan ukoll u fl-eventwalita li nonostante dak sottomess, dina l-Onorabbli Qorti ssib htija, tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha nkwantu l-piena li giet inflitta u minflok timponi l-piena aktar gusta, ekwa u skont l-ligi ghall-kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1. Illi fl-ewwel lok jirrizulta ampjament car mill-atti tal-kawza li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzamet zbaljat tal-fatti migjuba quddiemha, tant illi fis-sentenza taghha erronjament kunsidrat illi l-parte civili sofra ksur f'sebghu ta' idu il-leminija b' konsegwenza ta' daqqiet illi huwa garrab minghand l-appellant li kien fuq in-naha tal-lemin tieghu biswit l-bieba tal-vettura li fiha kien riekeb bil-qieghda l-parte civile. Illi bir-rispett kollu din l-asserzjoni hija ghal kollox kontradetta mhux biss mic-certifikat mediku ezebit in atti li jindika li l-ksur soffert kien fis-sebgha tal-id ix-xellugija u mhux bil-kontra kif inghad fis-sentenza, u kif ukoll kontradetta mill-versjoni li ta' l-appellant, kemm quddiem l-Pulizija waqt li ta' l-istqarrija tieghu u kif ukoll meta xehed quddiem il-Qorti, fejn jsostni li huwa qala daqqa ta' ponn minghand l-parte civile b'idejh ix-xellugija waqt illi wkoll kien qieghed izomm mobile f' idu, u kien biss reazzjoni u bhala difiza tieghu nnifsu illi huwa xejjer daqqa lura li permezz taghha laqat lill-parte civile f’xoftu. Illi dina l-versjoni hija ferm aktar plawsibbli minn dik moghtija mill-parte civiie, tenut kont illi l-ksur li sofra l-parte civile f'subghajh ta' idejh ix-xellugija huwa komunement maghruf fil-branka tal-ortopedija kirurgika bhala l-'boxers fracture', apparti l-fatt illi mhux plawsibbli li l-applellant kkaguuna griehi u ksur ta' dik ix-xorta fil-pala tal-id ix-xelluqija tal-parte civile meta dan l-ahhar

kien bil-qieghda fuq seat tal-vettura tieghu u l-appellant kien barra l-vettura fuq in-naha tal-lemin tieghu.

2. Illi inoltre bir-rispett kollu, l-provi migjuba quddiem l-ewwel Qorti dwar id-dinamika ta' kif sehh l-incident huwa wiehed kontrastanti u konfliggenti, li bl-ebda mod ma jwassal ghas-sejbin ta' htija imputabbli lill-appellant, 'l hemm minn kull ombra ta' dubju ddettata mir-raguni, u dana peress ukoll illi l-provi migjuba ma humiex korraborati b'ebda fatti jew cirkostanzi ohra li b'xi mod jaghtu piz lill-versjoni tal-parte civile fuq dik tal-appellant, anzi, kif gia nghad il-versjoni tal-appellant hija l-aktar versjoni plawsibbli.

3. Illi tenut kont tad-dinamika tal-incident kif spjegata mill-appellant, l-appellant ma kkawza l-ebda ksur ta' paci u ordni pubbliku b'ghajjat u glied, izda l-partecipazzjoni tieghu fl-incident de quo kienet limitament reazzjoni ta' legittima difesa meta safa aggredit b' daqqa ta' ponn min-naha tal-parte civili wara li l-appellant avvicinah u talbu jispjega ghaliex kien zeffen lil ommu fin-nofs meta talbu jnehhi l-vettura minn fejn kienet ipparkjata.

4. Illi bla pregudizzju ghall-premess, partijiet mill-atti processwali huma vizjati u nulli u ghaldaqstant ghandhom jkunu sfilzati stante li jikkontjenu thassir u alterazzjonijiet kemm bil-lapes u kemm bil-biro u dana minghajr dawn l-alterazzjonijiet u/jew thassir ma kien iffirmat mill-Magistrat sedenti l-Qorti tal-Prima stanza, u dana kif jirrikjedi b'mod tassattiv l-artikolu 398(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana qed jinghad referibilment ghall-isem ix-xhud u kif ukoll isem l-imputat a fol 14 tal-process, oltre l-fatt ukoll in-nullita' ta' deposizzjoni tax-xhud a fol 19 tal-process stante li dan ma hux indikat b'ismu u kunjomu.kif rikjest mill-ligi.

5. Illi in oltre u bla pregudizzju ghall-premess, il-piena ta' prigunerija sospiza nflitta hija wahda eccessiva fic-cirkostanzi stante li l-griehi sofferti ma jinkwadrawx ruhhom fil-parametri tac-cirkostanzi kontemplati fl-artikolu 216(l) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;
kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi wiehed mill-aggravju mressqa mill-applellant hu li l-ewwel Qorti kkunsidrat li l-griehi sofferti mill-parte civile ma jinkwadrawx ruhhom fil-parametri tal-artikolu 216(1) tal-Kodici Kriminali. L-ewwel Qorti ndikat li l-appellant kiser l-artikolu 216(1)(c) tal-Kodici Kriminali.
Dan ifisser li skont l-ewwel Qorti l-appellant gie kkundannat talli kkaguna ferita li tidhol f'wahda mill-kavitajiet tal-gisem minghajr ma ggib ebda konsegwenza msemmija fla-rtikolu 218 tal-

Kodici Kriminali. Mill-provi prodotti jirrizulta li l-paret civile kellha ksur f'subghajha zghir tax-xelluq li dam iktar minn tletin gurnata biex ifiq.. Huwa car li l-ewwel Qorti ghamlet zball ghaliex l-artikolu korrett li kellhu jigi applikat hu l-artikolu 216(1)(d) tal-Kodici Kriminali.

Illi l-appellant tikkontendi li dan igib ksur tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali fejn il-Qorti ghandha ssemmi l-artikolu tal-ligi korrett. Dan ifisser li non-osservanza ta' dan l-artikolu dejjem gie ritenut bhala nuqqas ta' formalita' sostanzjali b'mod li ghandu jigi applikat l-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali. Dan ifisser li din il-Qorti qed thassar u tirevoka s-sentenza appellata riferibilment ghall-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu. (vide sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta deciza fil-15 ta' Jannar, 1996 fl-ismijiet 'Il-Pulizija v. Francis Farrugia').

Illi madankollu, din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li ntqal hawn fuq u taqbel mal-konkluzjonijiet milhuqa mill-ewwel Qorti dwar l-apprezzament tal-provi. Ghandu jigi rilevat li l-parte civile sofra griehi ta' natura gravi per durata fuq sebghu z-zghir ta' idu ix-xelluqija. Huwa veru li l-versjoni moghtija mill-appellant hi differenti minn dik moghtija mill-parte civile. Din il-Qorti temmen li l-versjoni moghtija mill-parte civile hi wahda iktar kredibbli u plawsibbli.

Illi din il-Qorti taqbel perfettament mal-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti dwar it-tieni akkuza u l-appell tal-appellant ma jistax jigi milqugh.

Illi aggravju iehor imressaq mill-appellant hu dwar il-fatt li l-ewwel Qorti ndikat l-id il-hazina fis-sentenza taghha. Minn dak li ntqal hawn fuq dan l-aggravju ma jistax jigi milqugh billi hi din il-Qorti li ghamlet apprezzament mill-gdid tal-provi.

Illi aggravju iehor imressaq mill-appellant hu li r-reazjoni tieghu kienet wahda ta' legittima difesa. Din il-Qorti hu tal-fehma li ma ebda wiehed mill-elementi rikjest mill-ligi biex tikkonfigura d-difiza ta' legittima difeza. Fil-fehma taghha, kien l-appellant li mar u agredixxa lill-parte civile u ghalhekk qatt ma tista tirrizulta tali difiza.

Illi aggravju iehor imressaq mill-appellant jirrigwarda l-izbalji fl-ismijiet misjuba a fol. 14 u fol. 19 tal-process. Hemmhekk, wiehed jista' josserva li l-isem u mhux il-konjom ta' l-appellant gie

korrett. Minbarra dan, afol. 14 l-isem tat-tabib li xehed gie korrett bil-lapes u afol. 19 il-kunjom tal-parte civile gie inserit bil-biro. Skont l-appellant dan igib in-nullita' tax-xhieda. Din il-Qorti ma jistax taqbel ma tali tezi. Fl-ewwel lok, wiehed irid jara l-verbal tas-seduta u jekk fil-verbal jirrizulta li dawn iz-zewg persuni offrew ix-xhieda taghhom. Minn qari tal-verbal tat- 13 ta' Novembru, 2012 jirrizulta li dawn ix-xhieda huma ndikati bl-isem korrett. Konsegwenza ta' dan jidher car li minn ghamel it-traskrizzjoni tax-xhieda a fol. 14 zbalja kompletament l-isem tax-xhud u a fol. 19 jidher car li ma fehemx il-kunjom tal-aprte civile. Fit-tieni lok, l-artikolu 398 tal-Kodici Kriminali nvokat mill-appellant jirriferi ghall-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja. F'dan il-kaz dan l-artikolu tal-ligi ma japplikax ghas-semplici raguni li dan kien kaz rez sommarja a tenur tal-artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali permezz tan-nota tal-Avukat Generali misjuba a fol. 8 tal-process.

Illi l-ahhar aggravju tal-appellant jirrigwarda l-piena erogata mill-ewwel Qorti u dan il-fatt ser jigi ndirizzat fl-ahhar parti ta' din is-sentenza.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tichad l-appell ta' Ivan Azzopardi dwar l-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar it-tieni akkuza, thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti ghal ragunijiet hawn fuq imsemmija. Issib lill-appellant hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu. Rat l-artikolu 216(1)(d) tal-Kodici Kriminali u tikkundanna lil Ivan Azzopardi ghal piena ta' sitt xhur prigunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali u tordna li tali piena ma tibdiex isehh hlief jekk Ivan Azzopardi jikkometti reat iehor li ghalih hemm il-piena tal-prigunerija fi zmien sena mil-lum.